# Ħallini Naħdem Ħieles

Jos. F. Cachia



**Prologu**

"Intom il-Melliħin kollha għandkom ir-raba'! *Teachers*, pulizija, purtinara lkoll tmorru fiha, wara x-xogħol…". Dawn il-kliem kienet qalithomli l-Kap tal-Liceo tal-Bniet, li qabel, kienet għamlet xi żmien, kap fl-Iskola Primarja tal-Mellieħa.

Għoġbuni, għax naf li huma s-sewwa! Naf ukoll li hemm biża' kbir li bosta minnu jintilef għax il-kilba għall-bini hi kbira. Rajt b'għajnejja stess il-qerda tar-raba' f'Għajn Żejtuna, tal-ħbula tar-raba' tas-Sellum, Tal-Ibraġġ, u naf ukoll li hemm bosta oħrajn mhedda!

Għalhekk qtajtha li nikteb dawn il-versi, li għalkemm insemmi l-Miżieb, jgħoddu wkoll għall-Masrija, għal Qasam Barrani, l-Aħrax u tant u tant oħrajn. Nemmen li xi ħadd jisma' u jagħti widen għat-talba ta' Melliħin bħali, li qatt ma ddejqu jmissu mal-ħamrija! Għandna teżor ambjentali, (u forsi għalhekk semmejt bosta ħaxix "ħażin"). Nibżgħu għalih! Ma jistax ikun illi nħallu ġebel u konkrit biss lil ta' warajna!

**Ħallini Naħdem Ħieles**

Ħallini naħdem ħieles
Ir-raba' tal-Miżieb,
Fejn la xxekkilni l-għejja
U la jħeddilni l-ħsieb.

Fejn id-dehra tad-deru
Tas-sagħtar, tal-ħarrub,
Taf kif tgħolli l-ispirtu
Taf kif tferraħ il-qlub!

U l-ħmura tal-pepprina
Mal-abjad tal-ġarġir,
U l-isfar tal-ingliża
Jinsġulek tapit kbir.

Tal-qrempuċ żgħira l-frotta
Bilkemm tmiss max-xuftejn,
u tal-isfarġel qarsa
Imma koll'huma b'xejn!

U għalkemm l-ispraġa tniggżek
U ż-żiju wkoll, mhux ftit,
U l-ħatba s-sewda tweġġgħek
U xewk issib kemm trid,

U l-ferla u l-bużbieża
Bl-arblu tagħhom sabiħ,
Jiżfnulek mal-ħafura
Meta jonfoħ ir-riħ.

Fejn l-għansar ma' Settembru
Itellagħlek il-boll,
Iħabbar illi x-xita
Daqt tibda nieżla wkoll.

U t-te sqalli jikbirlek
Jgħaddilek minn ġol-ħajt,
Tengħud tax-xagħri, bħalu
Mhux l-ewwel darba rajt!

Fej' l-pittma kemm hi pittma
Teħel ma' kull ma ssib,
L-istess jagħmel il-leblieb
Għalhekk għandu t-tleblib.

Araha l-ħarira kaħla
Jew roża kollha ward,
Arah beżżul il-baqra
Jitmiegħek ċatt mal-art.

Likeni, suwed, sofor
Ipittrulek il-blat,
Hemm griżi u hemm roża,
Iħalluk issummat!

Frott iż-żebbuġ għasartha,
U anke kiltha din,
B'tadama u xi basla
Fil-ħobża bis-sardin!

Bajtar tax-xewk imlewna
Bajdana, safranin,
Jgħidulek, "L-aħmar aqwa!"
Nemmen li lkoll tajbin!

Lewż morr ġieli laqqamtu,
Biex tani ħawħ tant bnin,
Għajnbaqar, nuċipriska
Fit-togħma tant ħelwin.

Fejn bambinella kelli
Tant kienet tagħti frott,
Però s-susa qerditha,
U fadal biss zokk xott!

U l-bajtar agunija
Mat-tin hu qiegħed imut,
Diġà qabad il-via
Li minnha għadda t-tut!

U issa ż-żmien qiegħed joqrob
Li jsejħilna l-Mulej,
'Ma dan ftit jinkwietani
Daqs dak li nara għaddej.

Għax bini dejjem tiela
*Penthouses*, flettijiet,
U x-Xagħra tal-Għansar
Doqt ngħidu sparixxiet!

Madonna tal-Mellieħa,
Isma' talb l-imbikkmin!
Ara li jibqa' r-raba'
Ħallina ferħanin!

Ħallina naħdmu r-raba'
Kif in-nanniet sabuh,
U jekk iridu wliedna,
Huma wkoll jaħdmuh!





